**24 ta' Ġunju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

John Formosa *noe*

*versus*

Francis Borg *noe*

**Danni Kkawżati minn Tifel Minuri – Responsabbilità**

*Trid issir distinzjoni bejn ir-responsabbilità ta' min jieħu ħsieb wieħed minuri għall-ħsara li jagħmel dak il-minuri, u r-responsabbilità tal-minuri nnifsu għall-ħsara li jkun għamel.*

*Skond l-art. 1035 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex minuri ta' bejn disa' u erbatax-il sena jitqies responsabbli għad-danni riżultanti mill-aġir tiegħu, irid jiġi ppruvat li mexa b'ħażen. Għalhekk, il-prinċipju relattiv għar-responsabbilità ta' minuri ta' erbatax-il sena hu li dawn huma eżenti sakemm ma ssirx din il-prova. Din il-prova jrid iressaqha l-attur għax ma jidhirx li n-nuqqas ta' ħażen hu skużanti li jrid iressaq il-minuri nnifsu iżda hu element tar-responsabbilità li jrid jissostanzja l-attur.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tad-29 ta' Mejju 1989, li bih l-atturi *nomine* wara li ppremettew illi l-vettur *Fiat Regata* J – 7523, proprjetà ta' Francis Said *noe*, hija assigurata *comprehensive* mad-ditta attriċi ħlief għall-*excess* u *loss of use* u li fit-30 ta' Novembru 1988, f'San Ġwann waqt li l-vettura J – 7523 li kienet misjuqa minn Ann Said, intlaqtet minn żiemel riekeb mill-minuri Saviour Borg;

U wara li ppremettew illi għal dan l-inċident kien unikament responsabbli Saviour Borg, kif illum rappreżentat minn missieru Francis, u dan minħabba negliġenza u imperizija da parti tiegħu, li b'riżultat ta' dan l-inċident il-vettura J – 7523 sofriet danni kbar li ġew imħallsa mill-attur *noe* minħabba l-polza ta' assigurazzjoni u issa l-attur *noe* jinsab issurrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat *noe* tiegħu għal din l-ispiża;

U wara li ppremettew li l-assigurat *noe* ħallas minn butu kemm l-*excess* u kemm il-kiri ta' karozza u li interpellat iħallas dawn id-danni, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Jgħid għalhekk l-istess konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli għall-inċident stradali fuq iċċitat u għar-raġunijiet fuq imsemmija;

2. Tillikwida d-danni sofferti kemm mill-attur *noe* u kemm mill-assigurat, jekk jinħtieġ bin-nomina ta' perit;

3. Tikkundanna l-konvenut iħallas dawk l-ammonti dovuti in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra tat-23 ta' Diċembru 1988, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota' ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Francis Borg li biha eċċepixxa:

1. Illi ċ-ċitazzjoni preżenti, kif ifformulata kontra l-esponent bħala leġittimu rappresentanti ta' ibnu minuri, hija magħmula ħażin u hija rritwali u nulla u kwindi l-esponent għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi;

2. Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, fl-inċident in kwistjoni kienet involuta persuna oħra, ċjoè Alice Navarro li toqgħod 43, Triq Imrabat, Sliema, li kienet il-ħtija ta' l-inċident u kwindi dina għandha tiġi kjamata in kawża;

3. Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, kuntrarjament għal dak allegat fiċ-ċitazzjoni, l-inċident in kwistjoni ġara unikament b'tort ta' l-imsemmija Alice Navarro li kienet imprudenti u negliġenti fis-sewqan u naqset li tosserva r-regolamenti tat-traffiku, baqgħet dieħlu fuq iż-żiemel li kien

qed isuq iben l-eċċipjenti b'mod li dan sfratta u ġiet ikkaġunata mhux biss il-ħsara lamentata mill-atturi iżda ħsara ferm akbar u danni konsiderevoli lill-eċċipjenti li għalihom jirriserva li jmexxi b'ġudizzju separat meta jidhirlu opportun;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Novembru 1989 li bih il-Qorti kkjamat fil-kawża lil Alice Navarro;

Rat id-digriet tagħha ta' l-istess jum li bih innominat lill-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bħala perit legali biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-atturi, wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamata fil-kawża;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Novembru 1991 quddiem il-perit legali, li minnu jirriżulta li l-partijiet qablu li jiġi inkarigat l-A.I.C. Richard Aquilina biex jagħmel pjanta tal-lokalità ta' l-inċident u jindika fiha dawk l-elementi ta' fatt li jirriżultaw fl-iskizz tal-Pulizija;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess kjamata in kawża, Alice Navarro, li biha eċċepiet:

1. Preliminarjament illi hija m'hi responsabbli bl-ebda mod għall-inċident li ġara fit-30 ta' Novembru 1988 f'San Ġwann, liema inċident ġara unikament tort ta' Saviour Borg;

2. Illi għalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur *noe* jew lill-konvenut in linea ta' danni mill-eċċipjenti, iżda għandu jkun l-istess konvenut, Francesco *sive* Francis Borg bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu minuri Saviour Borg, li għandu jħallas id-danni sofferti mill-eċċipjenti fuq il-vettura tagħha, numru J – 4266, b'konsegwenza ta' dan l-inċident;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali u l-pjanta ppreparata mill-perit tekniku;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tas-6 ta' Mejju 1993 li bih il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Il-kawża tirrigwarda responsabbilità għall-inċident li ġara fi Triq Birkirkara, San Ġwann, bejn żiemel b'serkin misjuq minn tifel ta' tnax-il sena, rappreżentant mill-konvenut u żewġ karozzi – waħda *Fiat* proprjetà tad-ditta attriċi misjuqa minn Anne Said u *Opel* misjuqa mill-kjamata fil-kawża Navarro. Mhux ikkontestat illi d-*driver* tal-*Fiat* ma hija bl-ebda mod responsabbli għall-inċident u hi indubbjament vittima innoċenti tiegħu. Infatti hu stabbilit illi l-*Fiat* ġiet investita miż-żiemel sfrattat, nieżel b'veloċità qawwija u bla sewwieq. Ma setgħet, allura, id-*driver* tal-karozza tad-ditta attriċi, tagħmel xejn ħlief tieqaf u tistenna l-impatt. Hekk għamlet. Ma' l-impatt iż-żiemel miet;

Il-perit legali kkonkluda illi "**il-konvenut** għandu jwieġeb għad-danni subiti mill-atturi *nomine"*;

Qabel tikkonsidra l-materja tar-responsabbilità, il-Qorti għandha, qabel xejn, tiddeċidi l-eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-konvenut, rigward l-irritwalità u n-nullità taċ-ċitazzjoni fil-konfront tiegħu "kif ifformulata kontra (tiegħu) bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu minuri". Hu talab li jiġi lliberat mill-

osservanza tal-ġudizzju. Din l-eċċezzjoni tidher li ma ġietx ittrattata mill-perit ġudizzjarju. L-atti nfushom juru illi l-konvenut Borg m'hux qed jiġi imħarrek **personalment**, imma biss *qua* rappreżentant ta' ibnu minuri. Hu paċifiku li minuri ta' tnax-il sena ma għandux *locus standi in judicio* u ma jistax iħarrek jew jiġi mħarrek quddiem Qorti jekk mhux *tramite* l-persuna li, skond il-liġi, tista' tirrappreżentah – f'dan il-każ il-missier li fuqu għandu l-*patria potestas;*

Kif ġà indikat, iben il-konvenut kellu tnax-il sena meta ġara l-inċident u hu stabbilit li kien hu li kien qed isuq iż-żiemel involut. Kien ta' età li, skond il-liġi jista' jinżamm responsabbli għall-ofiżi u danni involontarji fit-termini ta' l-artikolu 35, sub-inċiż (2) tal-Kodiċi Kriminali;

"Il-minuri ta' **taħt** l-erbatax-il sena jkun ukoll eżenti mir-responsabbilità kriminali għal kull att jew nuqqas **magħmul bla ħażen**";

Dan is-sub-inċiż jorbot ma' l-artikolu 3 ta' l-istess Kodiċi, li jipprovdi li:

1. Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili;

*Omissis;*

3. L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili u **biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat**;

Id-definizzjoni ta' ħsara involontarja, bħal ma hi

indubbjament il-ħsara li kkaġuna ż-żiemel fuq il-vettura involuta fl-inċident proprjetà ta' l-attriċi, hi mogħtija fl-artikolu 328 tal-Kodiċi Kriminali:

"Kull min **b'nuqqas ta' ħsieb**, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti ... jagħmel xi ħsara jew jgħarraq xi ħaġa ..... (ta' ħaddieħor)";

Fir-rigward ta' iben il-konvenut dan ir-reat u l-konsegwenti responsabbilità kriminali u l-korrispondenti responsabbilità ċivili għad-danni tista' biss tiġi lilu addebitata għalhekk jekk jiġi **ppruvat illi hu aġixxa bil-ħażen.** Jekk għall-kuntrarju jirriżulta illi l-aġir tal-minuri li pprovoka l-inċident kien "**magħmul bla ħażen**", allura l-minuri personalment ikun eżenti minn kull responsabbilità kriminali u l-konsegwenzjali responsabbilità ċivili għad-danni. Il-mument utili u rilevanti li jiddetermina jekk il-minuri aġixxiex b'ħażen jew le hu, naturalment, fil-każ in eżami, il-mument meta hu **ħa pussess taż-żiemel u saqu.** Jekk dan l-element ta' ħażen – li hu stat ta' animu tal-minuri u konoxxenza li qed jaġixxi b'mod skorrett, mhux kif suppost u mistenni minnu – ma jirriżultax f'dak il-mument, hu għal kollox irrilevanti l-mod kif saq u kkontrolla ż-żiemel u jekk osservax jekk le r-regolamenti jekk dawn huma fatturi fid-determinazzjoni ta' l-eventwali responsabbilità;

Il-kelma "ħażen" hi tradotta mit-*test* Ingliż "*with mischievous discretion*". Konċett mhux ta' faċli definizzjoni. Il-Professur Sir Anthony Mamo fl-Annotazzjonijiet tiegħu fuq il-Kodiċi Kriminali *(pages 79 – 80, reprinted 1986)* hekk jelabora:

*"The question whether a child has acted with discretion is a question of fact about which no legal rules can be laid down. It depends upon a moral assessment of all the circumstances of each particular case and it cannot be answered in the affirmative unless it appears clear that the minor has acted with the consciousness of the wrongful and unlawful character of his deed, or, in other words,* ***with a guilty knowledge that he was doing wrong.*** *The onus of proving this lies naturally on the prosecution* (aqra plaintiff), in as much as guilty knowledge is an essential condition for attaching criminal responsibility to the agent";

Hu hekk jikkumenta fuq dan l-artikolu:

*"****Between nine and fourteen years:*** *Even at this age a minor is still presumed to be incapable of distinguishing between good and evil and of appreciating the consequences of his acts; but this presumption is no longer conclusive: it may be rebutted by evidence: for the capacity to commit a crime and contract guilt, is not so much measured by years and days as by the strength of the delinquent's understanding and judgement: "malitia supplet aetatem" (4 Bl. Comm. 23)... A special proof of mishievous discretion or dicernment must be made: it must be shown that the minor had the consciousness of the wrongfulness of his act and of its consequences such consciousness may be shown, for instance, by the fact that the offender has been previously convicted of some earlier crime: or even by the circumstances of the present offence itself for they may afford distinct proof of a wicked mind (Kenny, p. 50)";*

*Smith and Hogan* fit-test *"Criminal Law" (6th Edition), pages 178 et seq.* hekk jispjegaw:

*"A child aged not less than ten but under fourteen years is exempt from criminal responsibility unless the prosecution prove, not only that he caused an actus reas with mens rea, but also that he did so with what is traditionally called 'a mischievous discretion'. Hale wrote that this involved proof that the child could 'discern between good and evil at the time of the offence committed' ... Salter J told the jury that they must be satisfied: 'that when the boy did this he knew what he was doing was wrong – not merely what was wrong, but what was gravely wrong, seriously wrong'. This passage was adopted in 'J M (a minor) vs Runeckles' where the court held that it is not necessary to prove that the child knew that the act was normally wrong; he must know that it is 'seriously' wrong in the sense that it is not merely naughty or mischievous";*

Dawn il-prinċipji huma riflessi u ribaditi fil-Kodiċi Ċivili fl-Istitut dwar il-kważi delitti. Infatti skond l-artikolu 1034 tal-Kap. 16, kull min għandu l-ħsieb ta' wieħed minuri hu obbligat għall-ħsara li jagħmel il-minuri meta huwa ma jkunx ħa l-ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja biex il-fatt ma jiġrix: *Culpa in vigilando.* Kif intqal il-konvenut, missier il-minuri, **ma huwiex** qed jiġi mħarrek personalment u b'din il-kawżali. Il-Qorti hi għalhekk prekluża milli tikkonsidra l-azzjoni attriċi f'dan id-dawl. Skond l-artikolu sussegwenti (1035), it-tfal ta' taħt l-età ta' disa' snin u **meta ma jiġix ippruvat li mxew bil-ħażen,** it-tfal ukoll li ma jkunux għalqu l-età ta' erbatax-il sena, **ma humiex obbligati għall-ħlas tal-ħsara magħmula minnhom;**

"L-azzjoni kontra l-minorenni – (meta din tirrikorri) minħabba responsabbilità diretta tiegħu (fil-każ ta' tifel bejn id-disa' u l-erbatax-il sena jekk ikun provat li aġixxa b'ħażen) ma jtellifx lill-persuna danneġġata d-dritt li teżerċita l-azzjoni kontra

min għandu l-ħsieb tal-minorenni *minħabba* r-responsabbilità diretta tiegħu ..." (Vol. XXVI, P. II, pġ. 92 u Vol. XXXIII, P. II, pġ. 212). Fil-każ in eżami però l-atturi qed jaġixxu biss **kontra l-minuri kif rappreżentat minn missieru** u skarta "l-azzjoni diretta kontra l-missier in bażi tar-responsabbilità indiretta tiegħu li temani min-nuqqas ta' diliġenza". (Vol. XXXIX, P. I, pġ. 799);

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. L-artikolu 1035 jippostula bħala konsiderazzjoni *sine qua non*, li biex il-minuri bejn id-disa' u l-erbatax-il sena jiġi meqjus u ritenut responsabbli għad-danni riżultanti mill-aġir tiegħu irid **jiġi pprovat li mexa b'ħażen.** Il-prinċipju għalhekk fir-rigward tar-responsabbilità tal-minuri sa erbatax-il sena, hu illi huma eżenti sakemm ma ssirx din il-prova. Prova li tispetta li min jaġixxi, in kwantu ma jidhirx li n-nuqqas ta' ħażen hu **skużanti** li jrid javanza l-minuri nnifsu jew ir-rappreżentanti legali tiegħu, imma hu **element** tar-responsabbilità li jrid jissostanzja l-attur;

2. Ma jidher li hemm l-ebda "ħażen" fl-att **fih innifsu** ta' tifel ta' tnax-il sena li jsuq żiemel. Ma jirriżulta li hu meħtieġ l-ebda permess jew liċenzja ta' xi awtorità, kif hu meħtieġ fil-każ ta' vetturi misjuqa b'mutur. Lanqas jidher li hemm xi provvediment tal-Kodiċi tal-Pulizija li jivvjeta dan;

3. Ma jirriżultax li iben il-konvenut approprja ruħu miż-żiemel **kontra l-volontà** ta' missieru jew in vjolazzjoni ta' xi ordni tiegħu li ma jsuqux;

4. *Jirriżulta infatti l-kuntrarju u dana mill-ammissjoni tal-*

konvenut stess. Iż-żiemel inxtara minnu **bħala rigal** għat-tifel – kważi hemm l-implikazzjoni li t-tifel kien il-proprjetarju taż-żiemel. Żgur li kien hu li jirkbu u kien ilu hekk jagħmel iż-żmien. Kien hu li jieħu ħsiebu u kien joħorġu fit-triq bil-kunsens u l-approvazzjoni ta' missieru. Żgur li missieru, sa minn meta kellu għaxar snin, kien jaf illi ibnu minuri kien qed isuq iż-żiemel u li kellu l-permess tiegħu biex jagħmel dan, li ma ġie qatt indikat lill-minuri li kien ħażin u perikoluż li jsuqhom. Anzi li kien hekk naturali li jagħmel;

Mill-fatti allura l-Qorti tista' tirravviża nuqqas ta' prudenza jew għaqal, kunfidenza żejda jew apprezzament għal kollox żbaljat dwar il-kapaċità ta' kontroll tiegħu tal-bhima, imma ċertament mhux dixxerniment ta' aġir skorrett, ħażin jew malizzjuż da parti tal-minuri. Ma jirriżultax posittivament allura, l-element ta' "ħażen" li trid il-liġi. Dan kuntrarju għar-responsabbilità ovvja u manifesta tal-konvenut missieru, taħt l-artikolu 1034, fuq iċċitat, li tirrażenta l-irresponsabbilità;

Dan premess, il-Qorti tikkonkludi illi jirriżulta mankanti element essenzjali ta' l-azzjoni in kwantu diretta kontra l-minuri, kif rappreżentat mill-konvenut, u konsegwentement il-konvenut ma jistax jiġi ritenut responsabbli għall-ħsarat irreklamati mill-attur, u t-talbiet tagħhom, in kwantu huma diretti lejh, neċessarjament iridu jiġu miċħuda;

Jibqa' x'jiġi kkonsidrat min kien finalment responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Il-perit legali wasal ġustament għall-konklużjoni illi din ir-responsabbilità kellha tiġi akkollata lis-sewwieq taż-żiemel, kif verament kienet il-fehma fl-ewwel lok ta' l-istess atturi, in kwantu huma ħarrku biss lilu u kien il-konvenut li talab li tiġi kjamata fil-kawża Alice Navarro, id-*driver*

ta' l-*Opel*. Il-Qorti qieset sewwa l-analiżi tal-provi u x-xhieda prodotti u taqbel mal-konsiderazzjonijiet li wasslu *lill-perit legali* għall-konklużjoni tiegħu. Taqbel illi fil-provi hemm nuqqas ta' preċiżjoni u xi kontradizzjonijiet li setgħu kienu evitati, imma *in ultima* analiżi u fuq *il-bażi tal-probabilitajiet, il-verżjoni tal*-fatti kif ġraw, mogħtija mill-perit legali, tirriżulta li hi l-aktar waħda verosimili u attendibbli u sorretta mir-riżultanzi proċesswali. Hi verżjoni li tiskolpa għal kollox *lill*-kjamata fil-kawża u li effettivament taddebita l-ħtija lis-sewwieq taż-żiemel. Il-Qorti ser tadotta r-rapport peritali f'dan ir-rigward u ma tarax il-ħtieġa li telabora oltre fuqu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddċidi l-kawża billi:

1. Tiddikjara li l-inċident stradali mertu tal-kawża ġara *tort* tal-minuri u f'dan ir-rigward u limitatament għalhekk tadotta r-relazzjoni peritali;

2. Tilqa' l-ewwel *eċċezzjoni* tal-konvenut u tiddeċidi li l-ebda responsabbilità legali ma tista' tiġi addebitata lill-minuri kif rappreżentat mill-konvenut, in kwantu ma jirrikorrix l-element tal-"ħażen", rikjest mil-Liġi;

3. Konsegwentement tiċħad it-talbiet kif dedotti kontra l-konvenut *nomine;*

4. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-kjamata fil-kawża illi hi ma kinitx responsabbli għas-sinistru;

5. Konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi kontra tagħha;

L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi. Jibqgħu riservati favur l-atturi

kull dritt ta' azzjoni lilhom spettanti *si et quatenus* kontra l-konvenut personalment.